**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**Laqgħa Numru 01/15(06_05_15).**

Minuti tal-ewwel laqgħa tas-seba' Kunsill li saret nhar l-Erbgħa, 6 ta' Mejju 2015, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier.
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-30 ta' April 2015.

1. Konferma tas-Sindku.
2. Konferma tal-Viċi Sindku.
3. Tqassim tar-Responsabbiltajiet lill-Kunsillieri.

Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba.

Il-Kunsill kien immexxi mis-Sinjura Carmen Said, il-Kunsillier l-aktar anzjan.

**1.00 Konferma tas-Sindku.**

1.01 Is-Sinjura Carmen Said intalbet tikkonferma jekk taċċettax il-kariga ta' Sindku. Hija aċċettat u ffirmat l-aċċettazzjoni tal-kariga bħala Sindku.

Il-laqgħa bdiet titmexxa mis-Sindku Carmen Said. Hija għamlet dan id-diskors: Nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li ħarġu jivvutaw u eleġewni Sindku biex flimkien magħkom naħdmu għal-lokalitajiet tagħna tal-Munxar u Ix-Xlendi. Nixtieq nifraħ u nilqa' magħna lil Damien Spiteri, lil Paul Curmi u lil Sonja Abela li ġew eletti membri ġodda flimkien miegħek Robert Mallia li servejt ukoll fil-leġislatura li għadha kif spiċċat. Grazzi partikolari wkoll tmur għal Joseph Sultana, Ryan Debrincat u Saviour Spiteri li ddeċidew li ma jerġgħux jikkontestaw biex ikunu membri fil-Kunsill, il-parteċipazzjoni tagħhom kienet strumentali biex komplejna ntejbu l-lokalitajiet tagħna.

Is-Sinjura Carmen Said qalet li persważa li flimkien ser jaħdmu biex isir dak kollu possibbli għall-ġid tal-lokalitajiet tal-Munxar u Ix-Xlendi.

**2.00 Konferma tal-Viċi Sindku.**

2.01 Is-Sur Robert Mallia ntalab jikkonferma jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku. Huwa aċċetta u ffirma l-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Viċi Sindku.

Il-Viċi Sindku flimkien mal-Kunsilliera s-Sur Damien Spiteri, is-Sur Paul Curmi u s-Sinjorina Sonja Abela rreċiprokaw ix-xewqat tas-Sindku u rringrazzjaw.

**3.00 Tqassim tar-Responsabbiltajiet lill-Kunsillieri.**

3.01 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li wara li evalwat ir-responsabbiltajiet tal-Kunsilliera f'leġislaturi preċedenti, hija qed tipproponi li r-responsabbiltajiet jitqassmu hekk:

Is-Sinjura Carmen Said, Sindku –
*EU Funds*, Proġetti Kapitali, Xogħlijiet, Finanzi, Ix-Xlendi

Is-Sur Robert Mallia, Viċi Sindku –
Kultura, Indafa, Viċi tar-responsabbiltajiet tas-Sindku

Is-Sur Paul Curmi –
Kultura, Indafa

Is-Sinjorina Sonja Abela –
Attivitajiet Soċjali, Anzjani, *Sports*

Is-Sur Damien Spiteri –
Attivitajiet Soċjali, Anzjani, *Sports*

Il-laqgħa spiċċat fis-6.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 13 ta' Mejju 2015, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Carmen Said**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***